MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 2398/2003

**Middlesea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Michelle Camilleri u l-istess Michelle Camilleri f'isimha proprju**

**Vs**

**Lawrence Dalmas**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' erba' mija u hames liri Maltin u hames centezmi (Lm405.05c) rapprezentanti d-danni rizultanti minn kollizjoni li sehhet fit-13 ta' Novembru, 2001 waqt li l-attrici kienet qieghda ssuq il-vettura MXL 777 u l-konvenut kien qed isuq il-vettura LAH 542 f'Had Dingli.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi kienet l-istess attrici li kkagunat il-kollizjoni *de quo* in vista tas-sewqan

negligenti taghha.  Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti fil-konfront tieghu.

Sema’ x-xhieda ta’ Michelle Camilleri, Kenneth Camilleri u Lawrence Dalmas.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Jotham Scerri Diacono ghall-atturi u Dr Doreen Clarke ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi Michelle Camilleri kienet qieghda ssuq fi Triq San David li hija triq li taghti minn taht l-Imtarfa ghall-Imtarfa. Hija triq li sserrep.  Hija kienet miexja bi speed baxx u kienet ix-xita.  Kien bil-lejl.  Kif waslet fejn il-kisra l-kbira rat vettura gejja mid-direzzjoni opposta u kienet gejja gol-lane taghha.  Fil-fatt iz-zewg vetturi habtu u l-habta saret bejn ix-xewka ta’ quddiem fin-naha tal-lemin tal-vettura taghha mal-parti ta’ wara tal-vann tal-konvenut.  Hija waqfet izda l-vann tal-konvenut waqaf xi tmien (8) metri aktar ‘l isfel.  Meta hija cemplet l-Ghassa tar-Rabat, il-pulizija qalulha illi billi l-konvenut baqa’ miexi ma kienux ser jaghmlu *sketch* u ghalhekk hija marret l-Ghassa biex taghmel ir-rapport.

Il-konvenut xehed illi huwa kien niezel l-istess nizla u qabel ma beda jikser id-dawra msemmija giet il-karozza l-ohra li kienet ‘il barra u laqtet il-vettura tieghu.  Huwa sostna li kien fuq in-naha t-tajba tat-triq.  Huwa stenna fuq il-post u billi wara xi hin l-attrici saqet ‘l hemm huwa saq ukoll u mar l-Ghassa biex jaghmel rapport fejn induna li kien hemm ukoll l-attrici.  Huma ghamlu r-rapport lill-pulizija.

Mir-rapport esebit hemm il-verzjoni li taw iz-zewg sewwieqa lis-Surgent li sostanzjalment jirrifletti dak li z-zewg partijiet xehdu f’dawn il-proceduri.

F’dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal m’ghandux provi estranei ghaz-zewg xhieda.  Iz-zewg xhieda dehru konvincenti u

verosimili. Huwa evidenti li l-fatt li z-zewg sewwieqa habtu, xi hadd minnhom – jew it-tnejn, kien qieghed fuq in-naha hazina tat-triq izda m'hemmx dubju illi l-habta saret lejn in-nofs tat-triq, cjoe' *on the crown of the road*. Ukoll, jirrizulta illi l-kollizjoni saret f'kisra u li kien hemm hafna zlieq.

It-Tribunal jidhirlu illi mill-provi prodotti z-zewg sewwieqa kienu ftit 'il barra mil-*lane* taghhom. Fir-rigward tal-konvenut billi huwa kien qed jikser huwa probabbli li kien qed jaqta' ftit ghad-dritt tant illi d-daqqa saret fuq il-parti ta' wara tal-vann u mhux fuq il-parti ta' quddiem, li jfisser illi jekk kien ftit *wrong side*, malli lemah il-vettura ta' l-attrici gibed ftit lejn in-naha tieghu izda ma rnexxielux jiskapula ghal kollox. Mill-banda l-ohra l-attrici xehdet illi hija kienet 'il gewwa kemm setghet izda ma kienetx 'il gewwa ghal kollox billi kien hemm gandott fuq in-naha ta' gewwa u gibdet ftit 'il barra.

Tenut kont il-premess, it-Tribunal jidhirlu illi l-kaz huwa wiehed klassiku ta' kollizjoni li ssir *on the crown of the road* fejn iz-zewg sewwieqa gibdu lejn in-nofs wisq biex b'hekk ma kienx hemm distanza *safe* bejniethom bizzejjed biex b'hekk sehhet il-kollizjoni u ghal dan ghandhom jahtu z-zewg sewwieqa b'responsabbilta' f'sehem indaqs bejniethom.

Ghar-rigward tad-danni jirrizulta li fil-fatt dawn ghandhom jigu likwidati fis-somma ta' tlett mija u hames liri Maltin u hames centezmi (Lm305.05c) u mhux ta' erba' mija u hames liri Maltin u hames centezmi (Lm405.05c) billi bi zball, meta l-atturi pprezentaw il-kawza, huma ghaddew l-*excess* imhallsa mill-assigurata attrici darbtejn.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara li l-kollizjoni in kwistjoni sehhet b'tort ugwali taz-zewg sewwieqa, cjoe' l-attrici Michelle Camilleri u l-konvenut Lawrence Dalmas u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u tnejn u hamsin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm152.52c) li nternament bejn l-atturi ghandhom jigu ripartiti skond il-principji bazici li jirregolaw l-assigurazzjoni

fil-materja in kwistjoni. L-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu nofs ghall-atturi u nofs ghall-konvenut u l-interessi jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------